MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 343/2001/1

**Avviz numru 343/01 DM**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Bernardette Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lill-konvenuta sabiex tigi kkundannata thallas is-somma ta’ tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm323.79c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 420506 li jgib il-klient numru 1021651 (skond kif jirrizulta mill-anness “statement” dokument “A) liema servizz gie stallat fil-fond numru 19, Triq il-Kbira, Lija u dana skond ma kif

jidher mill-anness mal-avviz “service agreement” dokument “B”.

Bl-ispejjes  komprizi dawk tal-prezenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet bil-gurament lill-konvenuta li ddikjarat illi effettivament ghandha taghti s-somma mitluba lill-kumpanija attrici.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni, tilqa’ t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi is-somma mitluba ta’ tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm323.79) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett millum, u

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

-------------------------------TMIEM-------------------------------